ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 199

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

**Volum 53**

**31 ta' Lulju 2010**

Werrej

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 685/2010 tas-26 ta' Lulju 2010 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-Inċova fil-Bajja ta' Biskajja għall-istaġun tas-sajd 2010-2011 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 53/2010** ... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 686/2010 tat-28 ta' Lulju 2010 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tat-tieqa Bacoma u tax-xibka tat-tkarkir T90 f'sajd li jsir fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound** ... 4

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 687/2010 tat-30 ta' Lulju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1580/2007 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u l-ħxejjex** ... 12

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 688/2010 tat-30 ta' Lulju 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ... 19

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 689/2010 tat-30 ta' Lulju 2010 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10 ... 21

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 690/2010 tat-30 ta' Lulju 2010 li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2010 ... 23

**Prezz: 3 EUR**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2010/422/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2010 dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Bulgarija** ... 26

2010/423/PESK:

★ **Deċiżjoni ATALANTA/4/2010 tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tad-19 ta' Lulju 2010 dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)** ... 28

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/424/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/736/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia** 29

2010/425/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Lulju 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2009/767/KE rigward l-istabbiliment, il-manutenzjoni u l-pubblikazzjoni ta' listi ta' fiduċja ta' fornituri ta' servizz ta' ċertifikazzjoni sorveljati/akkreditati mill-Istati Membri** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 5063)* ([1]) ... 30

2010/426/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Lulju 2010 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom il-qamħirrum modifikat ġenetikament Bt11xGA21 (SYN-BTØ11-1xMON-ØØØ21-9), jew li jikkonsistu minnu jew huma prodotti minnu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 5135)* ([1]) 36

---

**Rettifika**

★ **Rettifika għad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE** (ĠU L 133, 2.5.2008) ... 40

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/371/UE tas-6 ta' Ġunju 2010 dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Madagaskar taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE** (ĠU L 169, 3.7.2010) ... 43

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 685/2010

**tas-26 ta' Lulju 2010**

**li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-Inċova fil-Bajja ta' Biskajja għall-istaġun tas-sajd 2010-2011 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 53/2010**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qabdiet totali permessibbli (TAC) għal kull tip ta' sajd jew grupp ta' sajd. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu distribwiti fost l-Istati Membri b'tali mod li f'kull Stat Membru tiġi żgurata stabbiltà relattiva ta' attivitajiet ta' sajd għal kull stokk jew sajd u billi jitqiesu adegwatament l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 53/2010 [2] stabbilixxa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2010 għal ċerti stokkijiet ta' ħut inkluż l-inċova fil-Bajja ta' Biskajja (Żona VIII tal-ICES) għall-2010.

(3) It-TAC għall-istaġun tas-sajd 2010-2011 għandhom ikunu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, u billi jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjo-ekonomiċi filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd. Għall-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biskajja, il-parir tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomika għas-Sajd (STECF) tas-16 ta' Lulju 2010, huwa bbażat fuq l-istaġun tas-sajd ta' mill-1 ta' Lulju ta' kull sena sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

(4) Għall-għanijiet ta' ġestjoni adegwata u ssimplifikata tal-istokk, huwa xieraq li tiġi stabbilita TAC ġdida għal dan l-istokk u li jiġu ffissati kwoti ġodda tal-Istati Membri skont id-dati msemmija fuq għall-istaġun tas-sajd 2010-2011.

(5) Sabiex tipprovdi għal pjan multiannwali għall-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biskajja li jkopri l-istaġun tas-sajd u jistabbilixxi r-regola tal-ħsad li tapplika biex jiġu stabbliti l-opportunitajiet tas-sajd, fid-29 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament li jistabbilixxi pjan fuq medda twila ta' żmien għall-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biskajja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk. Skont il-parir tal-iSTECF il-bijomassa tal-istokk ġiet stmata għal madwar 51 350 tunnellata. B'kunsiderazzjoni ta' dik il-proposta tal-Kummissjoni u billi l-valutazzjoni tal-impatt li fuqha hija bbażata l-proposta tipprovdi għall-valutazzjoni l-iktar riċenti tal-impatt ta' deċiżjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd għall-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biskajja, huwa xieraq li tiġi stabbilita TAC għal dak l-istokk skont dan. B'riżultat ta' dan, it-TAC għall-istaġun tas-sajd ta' mill-1 ta' Lulju 2010 sat-30 ta' Ġunju 2011 għandha tiġi stabbilita għal 15 600 tunnellata.

(6) Minħabba l-ambitu speċifiku u ż-żmien tal-applikazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għall-inċova, huwa xieraq li jiġu stabbiliti dawk l-opportunitajiet tas-sajd permezz ta' Regolament separat u li jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 53/2010 skont dan. Is-sajd għandu, madankollu jibqa' suġġett għad-dispożizzjonijiet ġenerali tar-Regolament (UE) Nru 53/2010 fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-użu tal-kwota.

(7) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jdaħħal kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni annwali tat-TACs u l-kwoti [3], huwa meħtieġ li jiġi stabbilit sa kemm l-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biskajja huwa suġġett għall-miżuri stabbiliti f'dak ir-Regolament.

[1] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
[2] ĠU L 21, 26.1.2010, p. 1.
[3] ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.

(8) Minħabba l-bidu ta' dan l-istaġun tas-sajd u għall-finijiet tar-rappurtar annwali tal-qabdiet, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ minnufih u japplika mill-1 ta' Lulju 2010. Għal dik l-istess fini, l-emenda tal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 53/2010 għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Opportunitajiet tas-sajd għall-inċova fil-Bajja ta' Biskajja**

1. Il-qabda totali permissibbli (TAC) u l-allokazzjoni tagħha bejn l-Istati Membri għall-istaġun tas-sajd li jdum mill-1 ta' Lulju 2010 sat-30 ta' Ġunju 2011 għall-istokk tal-inċova fiż-Żona VIII tal-ICES kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 218/2009 għandhom ikunu kif ġej (spjegati f'tunellati ta' piż ta' ħut ħaj):

| **Speċi:** | Inċova<br>*Engraulis encrasicolus* | **Żona tal-ICES:** | VIII<br>(ANE/08.) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 14 040 | | |
| Franza | 1 560 | | |
| UE | 15 600 | | |
| TAC | 15 600 | TAC Analitiku | |

2. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd kif stabbilita fil-paragrafu 1, u l-użu tagħha għandha tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 7, 10 u 13 tar-Regolament (UE) Nru 53/2010.

3. L-istokk imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ikkunsidrat bħala suġġett għal TAC analitiku għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 847/96. L-Artikoli 3(2) u (3) u 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw.

*Artikolu 2*

**Emenda għar-Regolament (UE) Nru 53/2010**

Fl-Anness IA għar-Regolament (UE) Nru 53/2010, l-annotazzjoni għall-inċova fiż-żona VIII hija mibdula b'dan li ġej:

| **"Speċi:** | Inċova<br>*Engraulis encrasicolus* | **Żona:** | VIII<br>(ANE/08.) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 6 300 | | |
| Franza | 700 | | |
| UE | 7 000 | | |
| TAC | 7 000 [1] | TAC Analitiku | |

[1] TAC applikabbli mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2010."

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2010, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 2, li għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. VANACKERE

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 686/2010

## tat-28 ta' Lulju 2010

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tat-tieqa Bacoma u tax-xibka tat-tkarkir T90 f'sajd li jsir fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,.

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2187/2005 jistabbilixxi miżuri tekniċi speċifiċi għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound. Dak ir-Regolament jipprovdi dispożizzjonijiet speċifiċi rigward id-daqs u t-tip tal-komponenti kollha tal-irkapti tas-sajd, inklużi, fost miżuri oħra, id-daqsijiet tal-malji.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1226/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2010 [2], jipprovdi għal żieda fid-daqs tal-malja u fit-tul tat-tieqa Bacoma u fid-daqs tal-malja tax-xibka tat-tkarkir T90 fis-suddiviżjonijiet tal-ICES 22-32. Peress li r-Regolament (KE) Nru 1226/2009 huwa limitat għall-2010, u peress li dawk id-dispożizzjonijiet huma ta' natura permanenti minħabba li jikkostitwixxu titjib fis-selettività, huwa xieraq li dawk iż-żidiet ikunu inkorporati fir-Regolament (KE) Nru 2187/2005 minn Jannar 2011 u li jiġi emendat skont dan.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għas-Sajd u l-Akkwakultura.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Appendiċijiet 1 u 2 tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 2187/2005 huma sostitwiti bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 349, 31.12.2005, p. 1.
[2] ĠU L 330, 16.12.2009, p. 1.

*ANNESS*

*"Appendiċi 1*

**Speċifikazzjonijiet tal-manek BACOMA**

**Deskrizzjoni**

(a) *Daqs tal-manka, tal-biċċa tal-estensjoni u tat-tarf ta' wara tax-xibka tat-tkarkir*

(i) Il-manka għandha tkun magħmula minn żewġ pannelli, magħquda flimkien permezz ta' ċmus waħda fuq kull naħa ta' tul indaqs.

(ii) Id-daqs minimu tal-malji djamant għandu jkun ta' 105 mm. Il-materjal tal-ħjut għandu jkun ta ' ħajt tal-polyethylene bi ħxuna ta' spaga waħda ta' mhux aktar minn 6 mm jew bi ħxuna ta' spaga doppja ta' mhux aktar minn 4 mm.

(iii) Għandu jkun projbit l-użu ta' manek u ta' biċċiet ta' estensjoni li jkunu magħmula minn biċċa waħda biss ta' materjal tax-xibka u li għandhom ċmusa waħda biss.

(iv) L-għadd ta' malji djamant miftuħa, esklużi dawk fiċ-ċmus, fi kwalunkwe punt fuq kwalunkwe ċirkonferenza ta' kwalunkwe biċċa ta' estensjoni ma għandux ikun anqas jew iżjed mill-għadd massimu ta' malji fuq iċ-ċirkonforenza tan-naħa ta' quddiem tal-manka (Figura 1).

(b) *Post tat-tieqa*

(i) It-tieqa għandha tiddaħħal fil-pannell ta' fuq tal-manka (Figura 2).

(ii) It-tieqa għandha tispiċċa mhux aktar minn erba' malji mill-codline, inkluża r-ringiela, immaljata bl-idejn ta' malji li minnha tgħaddi l-codline (Figura 3 jew 4).

(ċ) *Daqs tat-tieqa*

(i) Il-wisa' tat-tieqa, espressa f'għadd ta' fillieri (ġnub) tal-malji, għandu jkun daqs in-numru ta' malji djamant miftuħa fil-pannell ta' fuq diviż bi tnejn. Jekk meħtieġ, jistgħu jinżammu sa massimu ta' 20 % tal-għadd ta' malji djamant miftuħa fil-pannell ta' fuq maqsuma b'mod ugwali fuq iż-żewġ naħat tal-pannell tat-tieqa (Figura 4).

(ii) It-tul tat-tieqa għandu jkun tal-inqas 5.5 m.

(iii) B'deroga mill-punt ii, it-tul tat-tieqa għandu jkun mill-inqas 6 m jekk senser dedikat għall-kejl tal-volum tal-qabdiet ikun imwaħħal mat-tieqa.

(d) *L-immaljar tat-tieqa*

(i) Il-malji għandu jkollhom wisa' minimu tat-toqba tal-malja ta' 120 mm. Il-malji għandhom ikunu malji kwadri, jiġifieri l-erba' naħat kollha tal-immaljar tat-tieqa jkunu maqtugħa fil-fillieri kollha.

(ii) L-immaljar għandu jkun immuntat b'tali mod li l-fillieri jkunu paralleli u perpendikolari mat-tul tal-manka. L-immaljar għandu jkun bi spaga waħda mmaljata mingħajr għoqod jew immaljar bi proprjetajiet selettivi simili u ppruvati. Immaljar mingħajr għoqod ifisser immaljar magħmul minn malji b'erba' naħat li jkollhom il-kantunieri tal-malji ffurmati bin-nisġa tal-ispag ta' żewġ naħat maġenb xulxin tal-malja.

(iii) Id-dijametru tal-ħajta singola għandu jkun tal-inqas 5 mm.

(e) *Speċifikazzjonijiet oħra*

(i) Għandu jkun hemm ċinga ta' wara li ma ddurx mat-tieqa tal-ħruġ BACOMA.

(ii) Iż-żubrun tal-manka għandu jkun sferiku u jkollu dijametru mhux akbar minn 40 ċm. Għandu jkun marbut sew mal-codline permezz tal-ħabel taż-żubrun.

(iii) Il-flapper ma għandhiex tirkeb fuq it-tieqa tal-ħruġ BACOMA

*Figura 1*

It-tagħmir tax-xibka tat-tkarkir jista' jinqasam fi tliet sezzjonijiet differenti skont l-għamla u l-funzjoni. Il-parti prinċipali tax-xibka tat-tkarkir hija dejjem sezzjoni konika. Il-biċċa tal-estensjoni tkun sezzjoni mhux konika, normalment fabbrikata minn biċċa jew minn żewġ biċċiet ta ' xbiek. Il-manka hija wkoll sezzjoni mhux konika, spiss magħmula minn spag doppju sabiex ikollha reżistenza aħjar kontra d-deterjorazzjoni qawwija mill-użu. Il-parti taħt iċ-ċinga tal-irfigħ tissejjaħ borża tal-irfigħ.



*Figura 2*

A Biċċa tal-estensjoni

B Manka

C Tieqa tal-ħrib, pannell ta' malji kwadri

1 Pannell ta' fuq, massimu ta' 50 malja djamant miftuħa

2 Pannell t'isfel, massimu ta' 50 malja djamant miftuħa

3 Ċmus

4 Ċirku jew ħajta tal-ġuntura

5 Ċinga tal-irfigħ

6 Ċinga ta' wara

7 Codline

8 Distanza tat-tieqa mill-codline (Figuri 3 u 4)

9 Ħabel taż-żubrun

10 Żubrun tal-manka



*Figura 3*

IMMUNTAR TAL-PANNELL TAT-TIEQA

A Pannell ta' malji kwadri 120 mm (25 filliera)

B It-tgħaqqid flimkien tal-pannell ta' malji maċ-ċmusa

C It-tgħaqqid flimkien ta' pannell ta' malja kwadra ma' xibka ta' malja djamant

D Xibka ta ' malji djamant ta' 105 mm (massimu ta' 50 malja miftuħa)

E Id-distanza tal-pannell tat-tieqa mill-codline. It-tieqa għandha tispiċċa mhux aktar minn erba' malji mill-codline, inkluża r-ringiela mmaljata bl-idejn, ta' malji li minnha tgħaddi l-codline

F Ringiela ta' malji tal-codline immaljati bl-idejn



*Figura 4*

IMMUNTAR TAL-PANNELL TAT-TIEQA

A Pannell ta' malja kwadra ta' 120 mm (20 filliera)

B It-tgħaqqid flimkien tal-pannell ta' malji maċ-ċmusa

C It-tgħaqqid flimkien ta' pannell ta' malja kwadra ma' xibka ta' malja djamant

D Xibka ta' malja kwadra ta' 105 mm (mhux aktar minn 50 malja miftuħa)

E Id-distanza tal-pannell tat-tieqa mill-codline. It-tieqa għandha tispiċċa mhux aktar minn 4 malji mill-codline, inkluża r-ringiela, immaljata bl-idejn ta' malji li minnha tgħaddi l-codline.

F Ringiela ta' malji tal-codline immaljati bl-idejn

G Massimu ta' 10 % fuq iż-żewġ naħat ta' malji miftuħa tat-tip D



*Appendiċi 2*

**SPEĊIFIKAZZJONIJIET TAX-XIBKA TAT-TKARKIR T90**

(a) **Definizzjoni**

1. Ix-xbieki tat-tkarkir T90 huma definiti bħala x-xbieki tat-tkarkir, it-tartaruni Daniżi u rkapti simili li għandhom manka u biċċa ta' estensjoni prodotta minn tip ta' xbieki bl-għoqiedi forma ta' djamant imdawra 90° biex id-direzzjoni prinċipali kif inhi għaddejja l-ispaga tax-xibka tkun parallela għad-direzzjoni tal-irmunkar.

2. Id-direzzjoni ta' kif inhi għaddejja l-ispaga tax-xibka f'xibka standard bl-għoqiedi jiffurmaw il-malji tax-xibka djamant (A) u f'xibka mdawra 90° (B) huwa muri fil-Figura 1 hawn taħt.

*Figura 1*



A B

(b) **Id-daqs tal-malja u l-kejl**

Id-daqs tal-malja għandu jkun tal-anqas 120 mm. B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 517/2008 (*), id-daqs tal-malja fil-manka u fil-biċċa ta' estensjoni għandhom jitkejlu b'mod perpendikulari għall-assi lonġitudinali tal-irkaptu tas-sajd.

(ċ) **Ħxuna tal-ispaga**

Il-materjal tal-ispaga tal-manka u tal-biċċa tal-estensjoni għandu jkun magħmul minn spag tal-polyethylene bi ħxuna ta' spaga waħda ta' mhux aktar minn 6 mm jew bi ħxuna doppja tal-ispaga ta' mhux aktar minn 4 mm. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għar-ringiela li tinsab fuq wara nett tal-malji jekk hemm codline iffittjata mal-manka.

(d) **Kostruzzjoni**

1. Il-manka u l-estensjoni ta' malji mdawra (T90) għandhom isiru minn żewġ pannelli ta' dimensjonijiet indaqs, b'mill-anqas 50 malja fit-tul, u bl-orjentazzjoni tal-malja kif deskritt hawn fuq, magħquda flimkien minn żewġt iċmus laterali.

2. L-għadd ta' malji miftuħa fi kwalunkwe ċirkonferenza jrid ikun kostanti mill-parti ta' quddiem tal-estensjoni lejn il-parti li tinsab fuq wara nett tal-manka.

3. Fil-punt fejn jingħaqdu tal-manka jew tal-biċċa tal-estensjoni mal-parti konika tax-xibka tat-tkarkir, l-għadd ta' malji fiċ-ċirkonferenza tal-manka jew tal-biċċa tal-estensjoni trid tkun ta' 50 % tal-aħħar ringiela ta' malji tal-parti konika tax-xibka tat-tkarkir.

4. Fil-Figura 2 hawn taħt jintwerew manka u biċċa tal-estensjoni.

(e) **Ċirkonferenza**

L-għadd ta' malji fi kwalunkwe ċirkonferenza fil-manka u l-biċċa tal-estensjoni, esklużi dawk fil-ġuntura u ċ-ċmus għandu jkun ta' mhux anqas minn 50.

(f) **Ċrieki tal-ġuntura**

Ix-xifer ta' quddiem tal-pannelli li jifforma kemm il-manka kif ukoll il-biċċa tal-estensjoni għandu jkun iffittjat b'ringiela ta' nofs malji mmaljati. Ix-xifer ta' wara tal-pannell tal-manka għandu jkun iffittjat b'ringiela sħiħa ta' malji mmaljati li tkun kapaċi tiggwida l-codline.

(g) **Żubrun tal-manka**

Iż-żubrun tal-manka għandu jkun sferiku u jkollu dijametru mhux akbar minn 40 ċm. Għandu jkun marbut sew mal-codline permezz tal-ħabel taż-żubrun.

*Figura 2*




(*) ĠU L 151, 11.6.2008, p. 5."

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 687/2010

## tat-30 ta' Lulju 2010

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1580/2007 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u l-ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u partikolarment l-Artikoli 103h u 127 flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 103d(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi biex l-għotja ta' għajnuna finanzjarja tkun limitata għal 4.1 % jew 4.6 % tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata ta' kull organizzazzjoni tal-produtturi.

(2) L-Artikolu 52 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 [2] jistipula regoli dettaljati għall-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni għal organizzazzjoni tal-produtturi. Skont il-punt (a) tal-paragrafu 6 ta' dak l-Artikolu, meta applikabbli, organizzazzjoni tal-produtturi għandha tiffattura l-produzzjoni kummerċjalizzata tal-frott u l-ħxejjex fl-istadju ta' "qabel l-ispejjeż assoċjati mal-organizzazzjoni tal-produtturi", bħala prodott li huwa ppakkjat, ippreparat jew li jkun għadda mill-ipproċessar tal-ewwel stadju.

(3) Il-punt (i) tal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 fih definizzjoni tal-"ipproċessar tal-ewwel stadju". Madankollu, dik id-definizzjoni ħolqot diffikultajiet ta' interpretazzjoni. Peress li ċ-ċertezza legali titlob regoli ċari dwar il-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata, dik id-definizzjoni għandha titneħħa u d-definizzjoni ta' "prodott sekondarju" għandha tiġi addattata kif xieraq.

(4) Instab li huwa diffiċli li jiġi kkalkolat il-valur tal-frott u l-ħxejjex intenzjonati għall-ipproċessar. Għall-finijiet ta' kontroll u għas-simplifikazzjoni, huwa xieraq li tiddaħħal rata fissa għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur tal-frott u l-ħxejjex intenzjonati għall-ipproċessar, li tirrappreżenta l-valur tal-prodott bażiku, jiġifieri frott u ħxejjex intenzjonati għall-ipproċessar u l-attivitajiet li mhumiex attivitajiet proprji tal-ipproċessar. Peress li l-kwantitajiet tal-frott u l-ħxejjex meħtieġa għall-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati jvarjaw ħafna bejn il-gruppi tal-produtturi, dawn id-differenzi għandhom ikunu riflessi fir-rati fissi applikabbli.

(5) Fil-każ tal-frott u l-ħxejjex intenzjonati għall-ipproċessar li huma ttrasformati fi ħwawar aromatiċi u trab tal-paprika, huwa wkoll xieraq li tiddaħħal rata fissa għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur tal-frott u l-ħxejjex intenzjonati għall-ipproċessar, li tirrapreżanta biss il-valur tal-prodott bażiku.

(6) Sabiex tkun żgurata t-tranżizzjoni għas-sistema l-ġdida tal-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata tal-frott u l-ħxejjex intenzjonati għall-ipproċessar, il-programmi operazzjonali approvati fl-20 ta' Jannar 2010 ma għandhomx jiġu affettwati mill-metodu l-ġdid tal-kalkolu, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li dawn il-programmi operazzjonali jiġu emendati skont l-Artikoli 66 u 67 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007. Għall-istess raġuni, il-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata għall-perjodu ta' referenza tal-programmi operazzjonali approvati wara dik id-data għandu jiġi kkalkolat skont ir-regoli l-ġodda.

(7) Sabiex tkun permessa aktar flessibiltà fl-użu tal-irtirar mis-suq, huwa xieraq li jiżdied il-marġni annwali għall-qbiż tal-limitu stipulat fl-Artikilu 80(2) tar-Regulation (KE) Nru 1580/2007.

(8) Sabiex tkun iffaċilitata d-distribuzzjoni bla ħlas, huwa xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà li l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet tal-karità jkunu permessi jitolbu kontribuzzjoni simbolika mingħand ir-riċevituri finali tal-prodotti li jkunu ġew irtirati mis-suq, f'każ li dawn il-prodotti jkunu ġew ipproċessati.

(9) L-ammonti tar-rata fissa għall-ispejjeż tat-trasport, l-għażla u l-ippakkjar għad-distribuzzjoni bla ħlas tal-frott u l-ħxejjex irtirati mis-suq u stipulati fl-Artikolu 83(1) u l-Anness XI għar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 għandhom jiġu aġġornati.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 1580/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(11) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma ressaqx opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1580/2007**

Ir-Regolament (KE) Nru 1580/2007 għandu jiġi emendat kif ġej:

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

1. L-Artikolu 21(1) għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punt (h) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(h) 'prodott sekondarju' tfisser prodott li jirriżulta mill-preparazzjoni ta' prodott tal-frott jew il-ħxejjex li għandu valur ekonomiku posittiv iżda li mhuwiex ir-riżultat ewlieni intenzjonat;"

(b) il-punt (i) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(i) 'preparazzjoni' tfisser attivitajiet preparatorji bħal ħasil, it-tqattigħ, it-tqaxxir, it-tirqim u t-tnixxif tal-frott u l-ħxejjex, mingħajr ma jiġu ttrasformati fi frott u ħxejjex ipproċessati;"

2. L-Artikolu 52 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) għandu jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Il-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata ma għandux jinkludi l-valur tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati jew ta' kwalunkwe prodott ieħor li mhuwiex prodott tas-settur tal-frott u l-ħxejjex.

Madankollu, il-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata tal-frott u l-ħxejjex intenzjonati għall-ipproċessar, li jkunu ġew ittrasformati f'wieħed mill-frott jew ħxejjex proċessati elenkati fil-Parti X tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jew kwalunkwe prodott agrikolu msemmi f'dan l-Artikolu u deskritt aktar fl-Anness VIa għal dan ir-Regolament, minn organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew il-membri tagħhom, li jkunu produtturi jew il-kooperattivi tagħhom, jew sussidjarji kif imsemmi fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, sew jekk huma stess jew permezz tal-esternalizzazzjoni, għandhom jiġu kkalkolati bħala rata fissa fil-perċentwali applikata lill-valur iffatturat ta' dawn il-prodotti pproċessati.

Dik ir-rata fissa għandha tkun:

(a) 53 % għall-meraq tal-frott;

(b) 73 % għall-meraq konċentrat tal-frott;

(c) 77 % għall-kunserva tat-tadam;

(d) 62 % għall-frott u l-ħxejjex friżati;

(e) 48 % għall-frott u l-ħxejjex tal-bott;

(f) 70 % għall-faqqiegħ tal-bott tal-ġenus *Agaricus*;

(g) 81 % għall-frott proviżorjament priżervat fis-salmura;

(h) 81 % għall-frott imnixxef;

(i) 27 % għal frott u ħxejjex oħra proċessati;

(j) 12 % għall-ħwawar aromatiċi proċessati;

(k) 41 % għat-trab tal-paprika."

(b) il-paragrafu 6 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-produzzjoni kummerċjalizzata tal-frott u l-ħxejjex għandha tkun iffatturata fl-istadju ta' 'qabel l-ispejjeż assoċjati mal-organizzazzjoni tal-produtturi' fejn applikabbli, bħala prodott elenkat fil-Parti IX tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li hija ppreparata u ppakkjata u bl-esklużjoni ta':

(a) il-VAT;

(b) l-ispejjeż tat-trasport intern, fejn id-distanza bejn il-għbir ċentralizzat jew punti tal-ippakkjar tal-organizzazzjoni tal-produtturi u l-punt tad-distribuzzjoni tal-organizzazzjoni tal-produtturi tkun sinifikanti.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għal tnaqqis li għandu jkun applikat għall-valur fatturat għall-prodotti fatturati fi stadji differenti tal-kunsinna jew tat-trasport."

3. fl-Artikolu 53(7), għandhom jiżdiedu dawn is-subparagrafi li ġejjin:

"Madankollu, għall-programmi operazzjonali approvati fl-20 ta' Jannar 2010, il-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata għas-sena 2007 u qabel għandu jkun ikkalkolat abbażi tal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-perjodu ta' referenza, filwaqt li l-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata għas-snin 2008 u wara għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-leġiżlazzjoni applikabbli fl-2008.

Għall-programmi operazzjonali approvati wara l-20 ta' Jannar 2010, il-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata għas-snin 2008 u wara għandu jkun ikkalkolat abbażi tal-leġiżlazzjoni applikabbli fi żmien meta ġie approvat il-programm operazzjonali."

4. fl-Artikolu 80(2), it-tielet subparagrafu għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-perċentwali msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu l-medji annwali fuq perjodu ta' tliet snin, b'marġni annwali ta' qbiż tal-limitu ta' 5 punti perċentwali."

5. fl-Artikolu 81(2), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej wara l-ewwel subparagrafu:

"L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet tal-karità msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 103d(4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jitolbu kontribuzzjoni simbolika mingħand ir-riċevituri finali tal-prodotti li jkunu ġew irtirati mis-suq, f'każ li dawn il-prodotti jkunu ġew ipproċessati."

6. fl-Artikolu 83, il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-ispejjeż tal-għażla u l-ippakkjar tal-frott u l-ħxejjex friski rtirati mis-suq għad-distribuzzjoni bla ħlas għandhom ikunu eliġibbli skont il-programmi operazzjonali fil-każ ta' prodotti mqiegħda f'pakketti ta' anqas minn 25 kilogramma piż nett bl-ammonti tar-rata fissa stipulata fil-Parti A tal-Anness XII.

2. Il-pakketti tal-prodotti għad-distribuzzjoni bla ħlas għandhom juru l-emblema tal-Ewropea, flimkien ma' waħda jew aktar mir-referenza stabbiliti fil-Parti B tal-Anness XII."

7. Għandu jiżdied l-Anness VIa, kif stipulat fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

8. L-Anness XI għandu jiġi ssostitwit bit-test tal-Anness II għal dan ir-Regolament.

9. L-Anness XII għandu jiġi ssostitwit bit-test tal-Anness III għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

*"ANNESS VIa*

**PRODOTTI PROĊESSATI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 52(2a)**

| Kategorija | Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| Meraq tal-frott | ex 2009 | Meraq tal-frott, minbarra l-meraq tal-għeneb u l-għeneb magħsur tas-subintestaturi 2009 61 u 2009 69 u l-meraq tal-banana tas-subintestatura ex 2009 80 u l-meraq konċentrat, mhux fermentat u bla spirti miżjuda, kemm jekk ikun jew ma jkunx fih zokkor jew sustanzi ta' ħlewwa oħra miżjuda.<br>Meraq tal-frott konċentrat huwa meraq tal-frott li jaqa' taħt l-intestatura ex 2009 li jitħejja permezz tat-tneħħija fiżika ta' mill-anqas 50 % tal-kontenut tal-ilma, f'pakketti ta' kontenut nett ta' mhux anqas minn 200 kg. |
| Kunserva tat-tadam | ex 2002 90 31<br>ex 2002 90 91 | Kunserva tat-tadam b'kontenut ta' piż niexef ta' mhux anqas minn 28 % f'pakketti immedjati ta' kontenut nett ta' mhux anqas minn 200 kg. |
| Frott u ħxejjex friżati | ex 0710 | Ħxejjex (mhux imsajra jew imsajra bil-fwar jew mgħollija fl-ilma) friżati, minbarra l-qamħirrun tas-subintestatura 0710 40 00, żebbuġ tas-subintestatura 0710 80 10 u frott tal-ġenus *Capsicum* jew tal-ġenus *Pimenta* tas-subintestatura 0710 80 59. |
| | ex 0811 | Frott u lewż, mhux imsajra jew imsajra bil-fwar jew mgħollija fl-ilma, friżati, ma fihomx zokkor jew ħlewwiet oħra miżjuda, minbarra l-banana friżata li taqgħa taħt taħt is-subintestatura ex 0811 90 95. |
| | ex 2004 | Ħxejjex oħra preparati jew preżervati b'mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, friżati, minbarra l-prodotti tal-intestatura 2006, minbarra l-qamħirrun (*Zea mays* var. *saccharata*) tas-subintestatura ex 2004 90 10, żebbuġ tas-sub intestatura ex 2004 90 30 u patata preparata jew preservata f'forma ta' tqiq, mitħuna jew flejks, tas-subintestatura 2004 10 91 |
| Frott u ħxejjex tal-bott | ex 2001 | Ħxejjex, frott, lewż u partijiet oħra ta' pjanti tajbin għall-ikel, preparati jew preżervati permezz tal-ħall jew l-aċtu aċetiku, minbarra:<br>— frott tal-ġenus *Capsicum* ħlief il-bżar ħelu jew il-pimenta tas-subintestatura 2001 90 20<br>— qamħirrun (*Zea mays* var. *saccharata*) tas-subintestatura 2001 90 30<br>— jam, patata ħelwa u partijiet ta' pjanti tajbin għall-ikel oħra simili li fihom 5 % jew iktar bħala piż ta' lamtu tas-subintestatura 2001 90 40<br>— qlub tal-palm tas-subintestatura 2001 90 60<br>— żebbuġ tas-subintestatura 2001 90 65<br>— weraq tad-dielja, rimja tal-ħops u partijiet ta' pjanti tajbin għall-ikel oħra simili tas-subintestatura ex 2001 90 97. |
| | ex 2002 | Tadam preparat jew preżervat minbarra bil-ħall jew l-aċtu aċetiku ħlief għall-kunserva tat-tadam tas-subintestaturi ex 2002 90 31 u ex 2002 90 91 deskritti hawn fuq. |
| | ex 2005 | Ħxejjex oħra preparati jew preżervati minbarra bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, mhux friżati, ħlief għall-prodotti tal-intestatura 2006 minbarra ż-żebbuġ tas-subintestatura 2005 70, il-qamħirrun (*Zea mays* var. *saccharata*) tas-subintestatura 2005 80 00, frott tal-ġenus *Capsicum* ħlief il-bżar ħelu jew il-pimenta tas-subintestatura 2005 99 10, u l-patata preparata jew preżervata f'forma ta' tqiq, mitħuna jew flejks, tas-subintestatura 2005 20 10. |
| | ex 2008 | Frott, lewż jew partijiet oħra ta' pjanti tajbin għall-ikel, preparati jew preżervati b'mod ieħor, kemm jekk fihom zokkor jew ħlewwiet oħra jew spirtu miżjuda jew le, mhux speċifikati jew inklużi x' imkien ieħor, minbarra:<br>— butir tal-karawett tas-subintestatura 2008 11 10 |

| Kategorija | Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| | | — lewż preparat jew preżervat mod ieħor, kemm jekk biz-zokkor jew xi sustanzi oħra ta' ħlewwa miżjuda, mhux speċifikat jew inkluż x'imkien ieħor, tas-subintestatura ex 2008 19<br>— qlub tal-palm tas-subintestatura 2008 91 00<br>— qamħirrun tas-subintestatura 2008 99 85<br>— jam, patata ħelwa u partijiet ta' pjanti tajbin għall-ikel oħra simili li fihom 5 % jew iktar bħala piż ta' lamtu tas-subintestatura 2008 99 91<br>— weraq tad-dielja, rimja tal-ħops u partijiet ta' pjanti tajbin għall-ikel oħra simili li jaqgħu taħt is-subintestatura ex 2008 99 99<br>— taħlitiet ta' banana preparati jew preżervati b'mod ieħor tas-subintestaturi ex 2008 92 59, ex 2008 92 78, ex 2008 92 93 u ex 2008 92 98<br>— banana preparata jew preżervata b'mod ieħor tas-subintestaturi ex 2008 99 49, ex 2008 99 67 u ex 2008 99 99 |
| Faqqiegħ tal-bott | 2003 10 | Faqqiegħ tal-ġens Agaricus, preparat jew preżervat b'mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku. |
| Frott proviżorjament priżervat fis-salmura | ex 0812 | Frott u lewż preżervati proviżorjament fis-salmura, iżda li f'dak l-istat mhumiex tajbin għal konsum immedjat, minbarra l-banana preżervata proviżorjament li taqa' taħt is-subintestatura ex 0812 90 98. |
| Frott imnixxef | ex 0813 | Frott niexef, minbarra dak tal-intestaturi 0801 sa 0806; |
| | 0804 20 90 | Tin imnixxef; |
| | 0806 20 | Għeneb imnixxef; |
| | ex 2008 19 | - lewż ieħor preparat jew preżervat mod ieħor, kemm jekk biz-zokkor jew xi sustanzi oħra ta' ħlewwa miżjuda jew le, mhux speċifikat jew inkluż x'imkien ieħor, minbarra l-lewż tropikali u t-taħlitiet tiegħu. |
| Frott u ħxejjex oħra proċessati | | Frott u ħxejjex proċessati elenkati fil-Part X tal-Anness 1 għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, differenti mill-prodotti elenkati fil-kategoriji ta' hawn fuq. |
| Ħwawar aromatiċi proċessati | ex 0910 | Sagħtar imnixxef |
| | ex 1211 | Ħabaq, melissa, nagħniegħ, l-origanum vulgare (origanu/merdqux selvaġġ), klin, salvja, kemm jekk maqtugħa, imfarrka jew mitħuna. |
| Trab tal-paprika | ex 0904 | Il-bżar tal-ġenus *Piper*; Frott tal-ġenus *Capsicum* jew tal-ġenus *Pimenta* mnixxef jew imfarrak jew mitħun eskluż il-bżar ħelu li jaqa' fis-subintestatura 0904 20 10." |

*ANNESS II*

*"ANNESS XI*

## SPEJJEŻ TAT-TRASPORT SKONT ID-DISTRIBUZZJONI BLA ĦLAS IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 82(1)

| Distanza bejn il-Post tal-irtirar u l-post tal-kunsinna | Spejjeż tat-trasport (EUR/tunnellata) |
|---|---|
| Inqas minn 25km | 18,2 |
| Minn 25km sa 200km | 41,4 |
| Minn 200km sa 350km | 54,3 |
| Minn 350km sa 500km | 72,6 |
| Minn 500km sa 750km | 95,3 |
| 750km jew aktar | 108,3 |

Suppliment għat-trasport refriġerat: EUR 8,5/t."

*ANNESS III*

*"ANNESS XII*

PARTI A

**SPEJJEŻ TAL-GĦAŻLA U L-IPPAKKJAR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 83(1)**

| Prodott | Spejjeż tal-għażla u l-ippakkjar (EUR/tunnellata) |
|---|---|
| Tuffieħ | 187,7 |
| Lanġas | 159,6 |
| Larinġ | 240,8 |
| Klementin | 296,6 |
| Ħawħ | 175,1 |
| Nuċiprisk | 205,8 |
| Dulliegħ | 167,0 |
| Pastard | 169,1 |
| Prodotti oħra | 201,1 |

PARTI B

**DIKJARAZZJONI GĦALL-IPAKKJAR TAL-PRODOTTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 83(2)**

— Продукт, предназначен за безплатна дистрибуция (Регламент (ЕО) № 1580/2007)

— Producto destinado a su distribución gratuita [Reglamento (CE) nº 1580/2007]

— Produkt určený k bezplatné distribuci [nařízení (ES) č. 1580/2007]

— Produkt til gratis uddeling (forordning (EF) nr. 1580/2007)

— Zur kostenlosen Verteilung bestimmtes Erzeugnis (Verordnung (EG) Nr. 1580/2007)

— Tasuta jagamiseks mõeldud tooted [määrus (EÜ) nr 1580/2007]

— Προϊόν προοριζόμενο για δωρεάν διανομή [κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 1580/2007]

— Product for free distribution (Regulation (EC) No 1580/2007)

— Produit destiné à la distribution gratuite [règlement (CE) nº 1580/2007]

— Prodotto destinato alla distribuzione gratuita [regolamento (CE) n. 1580/2007]

— Produkts paredzēts bezmaksas izplatīšanai [Regula (EK) Nr. 1580/2007]

— Produktas skirtas nemokamai distribucijai [Reglamentas (EB) Nr. 1580/2007]

— Ingyenes szétosztásra szánt termék (1580/2007/EK rendelet)

— Prodott destinat għad-distribuzzjoni bla ħlas [Regolament (KE) Nru. 1580/2007]

— Voor gratis uitreiking bestemd product (Verordening (EG) nr. 1580/2007)

— Produkt przeznaczony do bezpłatnej dystrybucji [Rozporządzenie (WE) nr 1580/2007]

— Produto destinado a distribuição gratuita [Regulamento (CE) n.º 1580/2007]

— Produs destinat distribuției gratuite [Regulamentul (CE) nr. 1580/2007]

— Výrobok určený na bezplatnú distribúciu [nariadenie (ES) č. 1580/2007]

— Proizvod, namenjen za prosto razdelitev [Uredba (ES) št. 1580/2007]

— Ilmaisjakeluun tarkoitettu tuote (asetus (EY) N:o 1580/2007)

— Produkt för gratisutdelning (förordning (EG) nr 1580/2007)"

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 688/2010

## tat-30 ta' Lulju 2010

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-31 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 36,4 |
| | TR | 50,2 |
| | ZZ | 43,3 |
| 0707 00 05 | TR | 105,8 |
| | ZZ | 105,8 |
| 0709 90 70 | TR | 117,1 |
| | ZZ | 117,1 |
| 0805 50 10 | AR | 103,9 |
| | UY | 82,0 |
| | ZA | 92,5 |
| | ZZ | 92,8 |
| 0806 10 10 | AR | 137,6 |
| | CL | 134,6 |
| | EG | 134,2 |
| | IL | 126,4 |
| | MA | 162,9 |
| | TR | 144,4 |
| | ZA | 93,9 |
| | ZZ | 133,4 |
| 0808 10 80 | AR | 100,7 |
| | BR | 75,4 |
| | CL | 103,7 |
| | CN | 86,7 |
| | NZ | 109,5 |
| | US | 112,2 |
| | UY | 111,6 |
| | ZA | 104,8 |
| | ZZ | 100,6 |
| 0808 20 50 | AR | 72,1 |
| | CL | 150,6 |
| | ZA | 98,1 |
| | ZZ | 106,9 |
| 0809 10 00 | TR | 185,0 |
| | ZZ | 185,0 |
| 0809 20 95 | TR | 224,7 |
| | ZZ | 224,7 |
| 0809 30 | TR | 161,5 |
| | ZZ | 161,5 |
| 0809 40 05 | BA | 62,1 |
| | IL | 162,3 |
| | TR | 126,3 |
| | XS | 70,3 |
| | ZZ | 105,3 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 689/2010**

**tat-30 ta' Lulju 2010**

**li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2009/10 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2009 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2010 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-31 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 253, 25.9.2009, p. 3.
([4]) ĠU L 193, 24.7.2010, p. 14.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mill-31 ta' Lulju 2010**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 44,37 | 0,00 |
| 1701 11 90 (1) | 44,37 | 1,59 |
| 1701 12 10 (1) | 44,37 | 0,00 |
| 1701 12 90 (1) | 44,37 | 1,30 |
| 1701 91 00 (2) | 43,70 | 4,36 |
| 1701 99 10 (2) | 43,70 | 1,23 |
| 1701 99 90 (2) | 43,70 | 1,23 |
| 1702 90 95 (3) | 0,44 | 0,25 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 690/2010

## tat-30 ta' Lulju 2010

## li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ durum ta' kwalità għolja), 1002, ex 1005 minbarra ż-żrieragħ ibridi, u ex 1007 minbarra l-ibridu għaż-żrigħ, id-dazju tal-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni CIF applikabbli għall-kunsenja kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata ta' dazji fit-Tariffa Doganali Komuni.

(2) L-Artikolu 136(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu msemmi, għall-prodotti kkonċernati kull tant żmien jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi CIF għall-importazzjoni.

(3) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, il-prezz li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ durum ta' kwalità għolja), 1002 00, 1005 10 90, 1005 90 00 u 1007 00 90, huwa l-prezz rappreżentattiv tal-importazzjoni CIF tal-ġurnata stabbilit skont il-metodu pprovdut fl-Artikolu 5 tar-Regolament imsemmi.

(4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji tal-importazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2010, applikabbli sakemm jidħlu fis-seħħ dazji tal-importazzjoni ġodda,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Mill-1 ta' Awwissu 2010, id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament abbażi tal-fatturi msemmija fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5.

*ANNESS I*

**Dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2010**

| Kodiċi NK | Isem tal-merkanziji | Dazju tal-importazzjoni ([1]) (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 10 00 | QAMĦ iebes ta' kwalità għolja | 0,00 |
| | ta' kwalità medja | 0,00 |
| | ta' kwalità baxxa | 0,00 |
| 1001 90 91 | QAMĦ għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 90 99 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 00 00 | SEGALA | 27,63 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu | 9,14 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ ([2]) | 9,14 |
| 1007 00 90 | SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ | 27,63 |

([1]) Għall-prodotti li jaslu fl-Unjoni mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port tal-hatt jinsab fil-Baħar Mediterran jew fil-Baħar l-Iswed,

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-hatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Isvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

([2]) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 huma sodisfatti.

*ANNESS II*

**Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I**

15.7.2010-29.7.2010

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

*(EUR/t)*

| | Qamħ (1) | Qamħirrum | Qamħ iebes kwalità għolja | Qamħ iebes, kwalità medja (2) | Qamħ iebes kwalità baxxa (3) | Xgħir |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Borża | Minneapolis | Chicago | — | — | — | — |
| Kwotazzjoni | 191,23 | 114,99 | — | — | — | — |
| Prezz *FOB* USA | — | — | 139,55 | 129,55 | 109,55 | 79,25 |
| Tariffa fuq il-Golf | — | 12,23 | — | — | — | — |
| Tariffa fuq l-Għadajjar il-Kbar | 15,25 | — | — | — | — | — |

(1) Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010].
(2) Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010].
(3) Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

| | |
|---|---|
| Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam | 20,68 EUR/t |
| Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam: | 50,15 EUR/t |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-13 ta' Lulju 2010**

**dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv fil-Bulgarija**

(2010/422/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(6) flimkien mal-Artikolu 126(13) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet magħmula mill-Bulgarija,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126(1) tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom jevitaw defiċits pubbliċi eċċessivi.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa msejjes fuq l-għan ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz ta' tisħiħ tal-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir qawwi sostenibbli li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi.

(3) Il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (PŻE) skont l-Artikolu 126 tat-Trattat, kif iċċarata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv [1] (li jagħmel parti mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir), tipprovdi għal deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Il-Protokoll dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat jistipula dispożizzjonijiet oħra relatati mal-implimentazzjoni tal-PŻE. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 [2] jistipula definizzjonijiet u regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjoni ta' dan il-Protokoll.

(4) Ir-riforma tal-2005 tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fittxet li ssaħħaħ l-effikaċja u l-bażi ekonomika kif ukoll li tissalvagwardja s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul. Din immirat li tiżgura li b'mod partikolari, l-isfond ekonomiku u baġitarju jiġi kkunsidrat bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-PŻE. B'dan il-mod, il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jipprovdi l-qafas li jsostni l-politiki tal-gvern għal ritorn ta' malajr lejn pożizzjonijiet baġitarji mingħajr problemi billi titqies il-qagħda ekonomika.

(5) L-Artikolu 126(5) tat-Trattat jitlob li l-Kummissjoni tindirizza opinjoni lill-Kunsill jekk il-Kummissjoni tqis li jeżisti jew li jista' jkun hemm defiċit eċċessiv fi Stat Membru. Wara li qieset ir-rapport tagħha skont l-Artikolu 126(3) u l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skont l-Artikolu 126(4), il-Kummissjoni kkonkludiet li jeżisti defiċit eċċessiv fil-Bulgarija. Il-Kummissjoni għalhekk indirizzat tali opinjoni lill-Kunsill fir-rigward tal-Bulgarija fis-6 ta' Lulju 2010 [3].

(6) L-Artikolu 126(6) tat-Trattat jiddikjara li l-Kunsill għandu jikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jagħmel qabel ma jiddeċiedi, wara valutazzjoni ġenerali, jekk jeżistix defiċit eċċessiv. Fil-każ tal-Bulgarija, din il-valutazzjoni ġenerali twassal għall-konklużjonijiet li ġejjin.

(7) Skont id-*data* nnotifikata mill-awtoritajiet Bulgari f'April 2010, id-defiċit pubbliku fil-Bulgarija laħaq it-3,9 % tal-PGD fl-2009, b'hekk qabeż il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PGD. Id-defiċit ma kienx qrib il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PGD iżda l-eċċess fuq il-valur ta' referenza ma jistax jiġi kwalifikat bħala eċċezzjonali skont it-tifsira tat-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. B'mod partikolari, dan irriżulta mit-tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku fis-sens tat-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà' u Tkabbir, hekk kif il-kriżi globali ekonomika u finanzjarja laqtet sew l-ekonomija tal-Bulgarija u l-volum tat-tkabbir negattiv annwali tal-PGD laħaq il-5 % fl-2009. Skont it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2010, diġa' fl-2010 id-defiċit pubbliku se jinżel taħt il-valur ta' referenza flimkien mal-istabbilizzazzjoni tal-ekonomija u bħala riżultat tal-miżuri tal-konsolidament fiskali li saru mill-gvern. Madankollu, abbażi tal-mira riveduta ta' defiċit għall-2010 (3,8 % tal-PGD skont in-notifika tat-22 ta' Ġunju 2010 mill-awtoritajiet Bulgari), ogħla sew mit-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa ta' 2,8 % tal-PGD, il-ksur tal-valur ta' referenza jista' ma jibqax wieħed temporanju. Il-kriterju tad-defiċit fit-Trattat mhuwiex sodisfatt.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.
[2] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.
[3] Id-dokumenti kollha marbuta mal-PŻE għall-Bulgarija jinsabu fuq il-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/sgp/deficit/countries/index_en.htm

(8) Skont id-*data* notifikata mill-awtoritajiet Bulgari f'April 2010, id-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika ġenerali jibqa' taħt sew il-valur tar-referenza ta' 60 % tal-PGD u kien ta' 14,8 % tal-PGD fl-2009. It-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2010 jipprevedi li l-proporzjon ta' dejn se jiżdied matul il-perjodu 2010-2011, imma jibqa' taħt id-19 % tal-PGD. F'notifika sottomessa fit-22 ta' Ġunju 2010, l-awtoritajiet Bulgari komplew jirrevedu d-dejn ippjanat għall-2010 għal 15,3 % tal-PGD. Il-kriterju tad-dejn fit-Trattat huwa sodisfatt.

(9) Skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, "fatturi rilevanti" jistgħu jitqiesu biss fl-istadji li jwasslu għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv b'konformità mal-Artikolu 126(6) jekk il-kundizzjoni doppja - li d-defiċit jibqa' qrib il-valur ta' referenza u li l-eċċess tiegħu fuq il-valur ta' referenza jkun temporanju - tiġi ssodisfata għal kollox. Fil-każ tal-Bulgarija, din il-kundizzjoni doppja mhix sodisfatta. Għalhekk, fatturi rilevanti ma jitqisux fl-istadji li jwasslu għal din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni ġenerali jirriżulta li jeżisti defiċit eċċessiv fil-Bulgarija.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. VANACKERE

**DEĊIŻJONI ATALANTA/4/2010 TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ**

**tad-19 ta' Lulju 2010**

**dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)**

(2010/423/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja [1] (Atalanta), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6 tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE.

(2) Fit-23 ta' Marzu 2010, il-KPS adotta d-Deċiżjoni Atalanta/2/2010 [2] dwar il-ħatra tal-Viċi Ammirall (LH) Jan THÖRNQVIST bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja.

(3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rrakkomanda li jinħatar il-Viċi Ammirall Philippe COINDREAU bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja.

(4) Il-Kumitat Militari tal-UE jappoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.

(5) Skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Viċi Ammirall Philippe COINDREAU huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bt tas-Somalja.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Awwissu 2010.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

[1] ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

[2] ĠU L 83, 30.3.2010, p. 22.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/424/PESK

## tas-26 ta' Lulju 2010

## li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/736/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28 u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Settembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/736/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia [1].

(2) L-Azzjoni Konġunta 2008/736/PESK kienet estiża l-aħħar bl-Azzjoni Konġunta 2009/572/PESK [2] sal-14 ta' Settembru 2010. L-ammont finanzjarju ta' referenza previst biex tkun koperta n-nefqa relatata mal-EUMM Georgia sa dik id-data ġie stabbilit għal EUR 49 600 000. L-ammont finanzjarju ta' referenza għandu jiżdied b' EUR 2 500 000 sabiex jippermetti għall-ħtiġiet operattivi addizzjonali tal-Missjoni.

(3) L-Azzjoni Konġunta 2008/736/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 14(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/736/PESK huwa hawnhekk sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont finanzjarju ta' referenza intenzjonat sabiex tkun koperta n-nefqa relatata mal-Missjoni għandu jkun ta' EUR 52 100 000 ."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---

[1] ĠU L 248, 17.9.2008, p. 26.

[2] ĠU L 197, 29.7.2009, p. 110.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-28 ta' Lulju 2010

## li temenda d-Deċiżjoni 2009/767/KE rigward l-istabbiliment, il-manutenzjoni u l-pubblikazzjoni ta' listi ta' fiduċja ta' fornituri ta' servizz ta' ċertifikazzjoni sorveljati/akkreditati mill-Istati Membri

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 5063)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/425/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tagħha,

Billi:

(1) L-użu transkonfinali ta' firem elettroniċi avvanzati appoġġjati minn ċertifikat ikkwalifikat u maħluq kemm bl-użu ta' tagħmir għall-ħolqien tal-firem sikuri kif ukoll mingħajru kien iffaċilitat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/767/KE tas-16 ta' Ottubru 2009 li tistipula miżuri li jiffaċilitaw l-użu ta' proċeduri b'mezzi elettroniċi permezz tal-"punti ta' kuntatt waħdieni" skont id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi fis-suq intern [2] li tobbliga lill-Istati Membri jagħmlu disponibbli l-informazzjoni neċessarja għall-validazzjoni ta' dawn il-firem elettroniċi. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli l-hekk magħrufa informazzjoni dwar "listi ta' fiduċja" tagħhom dwar fornituri ta' servizz ta' ċertifikazzjoni li joħorġu ċertifikati kkwalifikati lill-pubbliku skont id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar kwadru tal-Komunità għall-firem elettroniċi [3] u kkontrollati/akkreditati minnhom u dwar is-servizzi li joffru,

(2) Kienu organizzati għadd ta' testijiet prattiċi mal-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjonijiet (ETSI) li jippermettu lill-Istati Membri biex jiċċekkjaw il-konformità tal-listi ta' fiduċja tagħhom mal-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Anness għad-Deċiżjoni 2009/767/KE. Dawn it-testijiet urew li kienu meħtieġa xi tibdiliet tekniċi fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fl-Anness għad-Deċiżjoni 2009/767/KE, biex jiżguraw l-iffunzjonar u l-interoperabbiltà tal-listi ta' fiduċja,

(3) Dawn it-testijiet ikkonfermaw il-bżonn għall-Istati Membri li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku mhux biss il-verżjonijiet leġibbli mill-bniedem tal-listi ta' fiduċja kif tesiġi d-Deċiżjoni 2009/767/KE iżda wkoll il-forom proċessabbli bil-magni tagħhom. L-użu manwali tal-forom leġġibbli mill-bniedem tal-listi ta' fiduċja jista' jkun relattivament kumpless u wieħed li jieħu ħafna ħin meta l-Istati Membri jkollhom ħafna fornituri tas-servizz ta' ċertifikazzjoni. Il-pubblikazzjoni ta' forom proċessabbli bil-magni tal-listi ta' fiduċja se tiffaċilita l-użu tagħhom billi tippermetti l-ipproċessar awtomatizzat tagħhom u b'hekk jissaħħaħ l-użu tagħhom fis-servizzi elettroniċi pubbliċi,

(4) Sabiex ikun iffaċilitat l-aċċess għal-listi ta' fiduċja nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni informazzjoni relatata mal-post u l-protezzjoni tal-listi ta' fiduċja tagħhom. Din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli b'mod sikur mill-Kummissjoni lill-Istati Membri l-oħra,

(5) Għandhom ikunu kkunsidrati r-riżultati ta' dawn it-testijiet prattiċi fuq il-listi ta' fiduċja tal-Istati Membri sabiex ikun possibbli użu awtomatizzat tal-listi u biex ikun iffaċilitat l-aċċess għalihom,

(6) Id-Deċiżjoni 2009/767/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

(7) Sabiex ikun possibbli li l-Istati Membri jwettqu t-tibdiliet tekniċi meħtieġa għal-listi ta' fiduċja kurrenti tagħhom, ikun xieraq li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Diċembru 2010,

(8) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar id-Direttiva tas-Servizzi,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Deċiżjoni 2009/767/KE**

Id-Deċiżjoni 2009/767/KE hija emendata kif ġej:

[1] ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.
[2] ĠU L 274, 20.10.2009, p. 36.
[3] ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12.

1 L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jippubblikaw, kemm forma tal-lista ta' fiduċja leġibbli mill-bniedem kif ukoll forma proċessabbli bil-magni, skont l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Anness."

(b) Għandu jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. L-Istati Membri għandhom jiffirmaw elettronikament il-forma proċessabbli bil-magni tal-listi ta' fiduċja tagħhom, u bħala minimu għandhom jippubblikaw il-forma li tista' tinqara mill-bniedem tal-lista ta' fiduċja permezz ta' kanal sikur sabiex tkun żgurata l-awtentiċità u l-integrità tagħha."

(c) Il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-entità jew l-entitajiet responsabbli għall-istabbiliment, il-manutenzjoni u l-pubblikazzjoni kemm tal-forom leġibbli mill-bniedem mill-bniedem kif ukoll dawk li huma proċessabbli bil-magni tal-lista ta' fiduċja;

(b) il-postijiet fejn huma ppubblikati kemm il-forom leġibbli mill-bniedem kif ukoll dawk li huma proċessabbli bil-magni tal-lista ta' fiduċja;

(c) iċ-ċertifikat ta' ċavetta pubblika użat għall-implimentazzjoni tal-kanal sikur li permezz tiegħu tkun ippubblikata l-lista ta' fiduċja leġibbli mill-bniedem jew, jekk il-lista leġibbli mill-bniedem tkun iffirmata elettronikament, iċ-ċertifikat ta' ċavetta pubblika użat biex tkun iffirmata;

(d) iċ-ċertifikat ta' ċavetta pubblika użat biex tkun iffirmata elettronikament il-forma proċessabbli bil-magni tal-lista ta' fiduċja;

(e) kwalunkwe tibdil tal-informazzjoni fil-punti (a) sa (d)."

(d) Għandu jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-Istati Membri kollha, permezz ta' kanal sikur għal server ta' web awtentikat, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, kif innotifikata mill-Istati Membri, kemm fil-forma leġibbli mill-bniedem kif ukoll f'forma ffirmata proċessabbli b'magna."

2 L-Anness huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

**Applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Diċembru 2010.

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*
Michel BARNIER
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2009/767/KE huwa emendat kif ġej:

1. Il-Kapitolu I jiġi emendat kif ġej:

(a) L-ewwel u t-tieni sentenzi tat-tieni paragrafu jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"L-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin jissejsu fuq l-ispeċifikazzjonijiet u r-rekwiżiti mogħtija f'ETSI TS 102231 v.3.1.2. Fejn ma jingħata l-ebda rekwiżit speċifiku f'dawn l-ispeċifikazzjonijiet, ir-rekwiżiti minn ETS TS 102231 v.3.1.2 GĦANDHOM japplikaw bis-sħiħ."

(b) It-tieni paragrafu tat-taqsima "TSL tag (il-klawsola 5.2.1)" jitħassar.

(ċ) Il-paragrafu li jiġi wara t-titlu tat-taqsima "TSL sequence number (il-klawsola 5.3.2)" jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Dan l-ispazju huwa MEĦTIEĠ. GĦANDU jispeċifika n-numru ta' sekwenza tat-TSL. B'bidu mill-'1' mal-ewwel verżjoni tat-TSL, dan il-valur intier GĦANDU jiżdied ma' kull verżjoni sussegwenti tat-TSL. MA GĦANDUX jiġi rriċiklat għal '1' meta jiżdied il-valur 'TSL version identifier' ta' hawn fuq."

(d) L-ewwel paragrafu li jiġi wara t-titlu tat-taqsima "TSL type (il-klawsola 5.3.3)" jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Dan l-ispazju huwa MEĦTIEĠ, u jispeċifika t-tip ta' TSL. Il-valur tiegħu GĦANDU jkun http://uri.etsi.org/TrstSvc/eSigDir-1999-93-EC-TrustedList/TSLType/generic (Generic)."

(e) It-tielet paragrafu li jiġi wara t-titlu tat-taqsima "TSL type (il-klawsola 5.3.3)" jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"URI: (Generic) http://uri.etsi.org/TrstSvc/eSigDir-1999-93-EC-TrustedList/TSLType/generic"

(f) It-tieni sentenza tat-tieni paragrafu li jiġi wara t-titlu tat-taqsima "Scheme operator name (il-klawsola 5.3.4)" jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Huwa f'idejn kull Stat Membru biex jaħtar l-operatur tal-Iskema għall-implimentazzjoni TSL tal-Lista' ta' Fiduċja tal-Istat Membru li jkun."

(g) Ir-raba' paragrafu li jiġi wara t-titlu tat-taqsima "Scheme operator name (il-klawsola 5.3.4)" jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-Operatur tal-Iskema msemmi (il-klawsola 5.3.4) huwa l-entità li se tiffirma t-TSL."

(h) Ir-raba' inċiż li jiġi wara t-titlu tat-taqsima "Scheme name (il-klawsola 5.3.6)" jiġi sostitwit b'dan li ġej:

' "EN_name_value" = Supervision/Accreditation Status List of certification services from Certification Service Providers, which are supervised/accredited by the referenced Member State for compliance with the relevant provisions laid down in Directive 1999/93/EC and its implementation in the referenced Member State's laws.'

(i) L-ewwel paragrafu li jiġi wara t-titlu tat-taqsima "Service type identifier" (il-klawsola 5.5.1) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Dan l-ispazju huwa MEĦTIEĠ u GĦANDU jispeċifika l-identifikatur tat-tip ta' servizz skont it-tip tal-ispeċifikazzjonijiet TSL attwali (jiġifieri '/eSigDir-1999-93-EC-TrustedList/TSLtype/generic')".

(j) Il-ħames inċiż li jiġi wara t-titlu tat-taqsima "Service current status (il-klawsola 5.5.4)" jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"— **Accredited** http://uri.etsi.org/TrstSvc/eSigDir-1999-93-EC-TrustedList/Svcstatus/accredited);"

(k) Id-disa' inċiż li jiġi wara t-titlu tat-taqsima "Service current status (il-klawsola 5.5.4)" jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"— **Sorveljanza ta' servizz fil-proċess li jitwaqqaf:** Is-servizz identifikat fis-'Service digital identity' (il-klawsola 5.5.3) ipprovdut mis-CSP identifikat f'TSP name' (il-klawsola 5.4.1) jinsab fil-proċess li jitwaqqaf iżda għadu ssorveljat, sakemm is-sorveljanza titwaqqaf jew tiġi rrevokata. Filkaż li persuna legali differenti minn dik identifikata fi 'TSP name' tkun ħadet ir-responsabbiltà li tiżgura din il-fażi ta' waqfien, l-identifikazzjoni ta' din il-persuna legali ġdida jew ta' sigurtà (fallback CSP) GĦANDHA tkun ipprovduta fl-'Scheme service definition URI' (il-klawsola 5.5.6) u fl-estensjoni 'TakenOverBy' (il-klawsola L.3.2) tal-entrata ta' servizz."

(l) Il-ħames paragrafu li jiġi wara t-titlu tat-taqsima “Service information extensions (il-klawsola 5.5.9)” jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“Fil-kuntest ta’ implimentazzjoni XML, il-kontenut speċifiku ta’ tali tagħrif addizzjonali għandu jiġi kkodifikat bl-użu tal-fajls xsd kif ipprovdut fl-Anness C tal-ETSI TS 102231.”

(m) It-taqsima bit-titlu “Service digital identity (il-klawsola 5.6.3) tiġi sostitwita b”dan li ġej:

“Service digital identity (il-klawsola 5.6.3)

Dan l-ispazju huwa MEĦTIEĠ u GĦANDU jispeċifika mill-anqas rappreżentazzjoni waħda tal-identifikatur diġitali (jiġifieri ċ-ċertifikat X.509v3 użat fi ‘TSP Service Information – Service digital identity’ (il-klawsola 5.5.3) bl-istess format u tifsira kif definit fl-ETSI TS 102231, il-klawsola 5.5.3.

Nota: Għal valur ta’ ċertifikat X.509v3 użat fil-klawsola 5.5.3 ‘Sdi’ ta’ servizz, għandu jkun hemm entrata ta’ servizz waħda biss f’Lista ta’ Fiduċja għal kull valur ‘Sti:Sie/additionalServiceInformation’. L-informazzjoni ‘Sdi’ (il-klawsola 5.6.3) użata fl-informazzjoni storika tal-approvazzjoni tas-servizz assoċjata ma’ entrata ta’ servizz u l-informazzjoni ‘Sdi’ (il-klawsola 5.5.3) użata fl-entrata ta’ servizz GĦANDHOM ikunu relatati mal-istess valur ta’ ċertifikat X.509v3. Meta servizz elenkat ikun qed jibdel l-‘Sdi’ tiegħu (jiġifieri tiġdid jew tfassil mill-ġdid ta’ ċertifikat X.509v3 għal pereżempju CA/PKC jew CA/QC) jew il-ħolqien ta’ servizz ‘Sdi’ ġdid bħal dan, anke b’valuri identiċi għal ‘Sti’, “Sn” u (‘Sie’], dan ifisser li l-Operatur tal-Iskema GĦANDU joħloq entrata ta’ servizz differenti minn dik preċedenti.”

(n) It-taqsima bit-titolu ta’ “Signed TSL” tiġi sostitwita b’dan li ġej:

“**Signed TSL**

L-implimentazzjoni tat-TSL leġibbli mill-bniedem tal-Lista ta’ Fiduċja, stabbilita b’dawn l-ispeċifikazzjonijiet, u b’mod partikolari l-Kapitolu IV GĦANDU jiġi ffirmat minn ‘Scheme operator name’ (il-klawsola 5.3.4) biex jiġu żgurati l-awtentiċità u l-integrità tiegħu (*). Il-format tal-firma GĦANDU jkun PadES parti 3 (ETSI TS 102 778-3) (**) iżda JISTA’ jkun PadES parti 2 (ETSI TS 102 778-2 (***)) fil-kuntest tal-mudell ta’ fiduċja speċifiku stabbilit permezz tal-pubblikazzjoni taċ-ċertifikati użati biex jiġu ffirmati l-Listi ta’ Fiduċja.

L-implimentazzjoni tat-TSL proċessabbli bil-magnital-Lista ta’ Fiduċja, stabbilita b’dawn l-ispeċifikazzjonijiet, GĦANDHOM jiġi ffirmati minn ‘Scheme operator name’ (il-klawsola 5.3.4) biex jiġu żgurati l-awtentiċità u l-integrità tagħha. Il-format tal-implimentazzjoni TSL proċessabbli bil-magni tal-Lista ta’ Fiduċja, stabbilit skont dawn l-ispeċifikazzjonijiet, GĦANDHOM ikunu XML u GĦANDHOM jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fl-Annessi B u C tal-ETSI TS 102231.

Il-format tal-firma GĦANDU jkun XadES BES jew EPES kif stipulat fl-ispeċifikazjonijiet ETSI TS 101 903 għall-implimentazzjonijiet XML. Implimentazzjoni bħal din tal-firma elettronika GĦANDHA taqdi r-rekwiżiti kif stipulat fl-Anness B tal-ETSI TS 102 231 (****). Rekwiżiti ġenerali addizzjonali rigward din il-firma jingħataw fit-taqsimiet li ġejjin.

(*) Fil-każ li l-implimentazzjoni TLS leġibbli mill-bniedem tal-Lista ta’ Fiduċja ma tiġix iffirmata, l-awtentiċità u l-integrità tagħha GĦANDHA tkun iggarantita b’kanal ta’ komunikazzjoni xieraq b’livell ta’ sigurtà ekwivalenti. Użu ta’ TLS (IETF RFC 5246: ‘The Transport Layer Security (TLS) Protocol Version 1.2’) huwa rrakkomandat għal dan l-iskop u l-marka tas-swaba taċ-ċertifikat tal-kanal TLS GĦANDHA tkun disponibbli barra mill-frekwenza għall-utenti TSL mill-Istat Membru.
(**) ETSI TS 102 778-3 – Electronic Signatures and Infrastructures (ESI): PDF Advanced Electronic Signature Profiles; Parti 3: PAdES Enhanced - PAdES-BES and PAdES-EPES Profiles.
(***) ETSI TS 102 778-2 – Electronic Signatures and Infrastructures (ESI): PDF Advanced Electronic Signature Profiles; Parti 2: PAdES Basic – Profil ibbażat fuq ISO 32000-1.
(****) Huwa obbligatorju li jitħares iċ-ċertifikat ta’ ffirmar tal-Operatur tal-Iskema, bil-firma b’wieħed mill-modi speċifikati minn ETSI TS 101 903 u d-ds:keyInfo għandha tinkludi l-katina taċ-ċertifikat rilevanti fejn applikabbli.;”

(o) It-tieni paragrafu li jiġi wara t-titlu tat-taqsima “Scheme identification (il-klawsola 5.7.2)” jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“Fil-kuntest ta’ dawn l-ispeċifikazzjonijiet, ir-referenza assenjata GĦANDHA tinkludi t-‘TSL type’ (il-klawsola 5.3.3), l-‘Scheme name’ (il-klawsola 5.3.6) u l-valur tal-estensjoni SubjectKeyIdentifier taċ-ċertifikat użat mill-operatur tal-Iskema għall-iffirmar elettroniku tat-TSL.”

(p) It-tieni paragrafu li jiġi wara t-titlu tat-taqsima “additionalServiceInformation Extension (il-klawsola 5.8.2)” jiġi sostitwit b’dan li ġej:

"Id-dereferenzjar tal-URI GĦANDU jwassal għal informazzjoni leġibbli mill-bniedem (għallinqas bl-EN u potenzjalment f'lingwa nazzjonali waħda jew iktar) li hija meqjusa xierqa u suffiċjenti għal parti utenti biex tinftiehem l-estensjoni u b'mod partikolari għandu jispjega t-tifsira tal-URIs imsemmija billi jispeċifika l-valuri possibbli għal serviceInformation u t-tifsira għal kull valur."

(q) It-taqsima bit-titlu "Qualifications Extension (il-klawsola L.3.1)" tiġi sostitwita b dan li ġej

"Qualifications Extension (il-klawsola L.3.1.)

Deskrizzjoni: Dan l-ispazju huwa FAKULTATTIV u GĦANDU jkun preżenti fejn l-użu tiegħu huwa MEĦTIEĠ, eż. għal servizzi RootCA/QC jew CA/QC, kif ukoll fejn

— it-tagħrif mogħti fi 'Service digital identity' mhuwiex biżżejjed biex jidentifika mingħajr ambigwità ċ-ċertifikati kwalifikati maħruġa minn dan is-servizz

— l-informazzjoni preżenti fiċ-ċertifikati kwalifikati relatati ma tippermettix l-identifikazzjoni li tista' tiġi pproċessat minn magna, tal-fatti dwar jekk il-QC hux sostnut jew le minn SSCD.

Meta użat din l-estensjoni tal-livell tas-servizz GĦANDHA tintuża biss fil-qasam iddefinit fis-'Service information extension' (il-klawsola 5.5.9) u GĦANDHA tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Anness L.3.1 tal-ETSI TS 102 231."

(r) Wara t-taqsima Qualifications Extension (il-klawsola L.3.1), għandha tiżdied it-taqsima TakenOverBy Extension (il-klawsola L 3.2) kif ġej:

"TakenOverBy Extension (il-klawsola L.3.2)

Deskrizzjoni: Din l-estensjoni hija FAKULTATTIVA iżda GĦANDHA tkun preżenti meta servizz li qabel kien taħt ir-responsabbiltà legali ta' CSP isir responsabbiltàta' TSP oħra u għandha l-għan li tiddikjara formalment ir-responsabbiltà legali ta' servizz u li tippermetti s-software ta' verifikazzjoni biex juri lill-utent xi dettalji legali. L-informazzjoni provduta f'din l-estensjoni GĦANDHA tkun konsistenti mal-użu relatat tal-klawsola 5.5.6 u GĦANDHA tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet fl-Anness L.3.2 tal-ETSI TS 102 231."

2. Il-Kapitolu II huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU II

Meta jistabbilixxu l-Listi ta' Fiduċja tagħhom, l-Istati Membri se jużaw:

Kodiċijiet tal-lingwi b'ittri żgħar u kodiċijiet tal-pajjiż b'ittri kbar;

Kodiċijiet tal-lingwi u tal-pajjiż skont it-Tabella li tidher hawn taħt;

Meta jkun preżenti l-iskritt Latin (bil-kodiċi tal-lingwa propju tiegħu) tiżdied transliterazzjoni fl-iskritt Latin bil-kodiċijiet tal-lingwa relatati kif speċifikat fit-Tabella li tidher hawn taħt.

| Short name (source language) | Short name (English) | CountryCode | LanguageCode | Notes | Transliteration in Latin script |
|---|---|---|---|---|---|
| Belgique/België | Belgium | BE | nl, fr, de | | |
| България (*) | Bulgaria | BG | bg | | bg-Latn |
| Česká republika | Czech Republic | CZ | cs | | |
| Danmark | Denmark | DK | da | | |
| Deutschland | Germany | DE | de | | |
| Eesti | Estonia | EE | et | | |
| Éire/Ireland | Ireland | IE | ga, en | | |
| Ελλάδα (*) | Greece | EL | el | Country code recommended by EU | el-Latn |
| España | Spain | ES | es | also Catalan (ca), Basque (eu), Galician (gl) | |
| France | France | FR | fr | | |
| Italia | Italy | IT | it | | |
| Κύπρος/Kıbrıs (*) | Cyprus | CY | el, tr | | el-Latn |
| Latvija | Latvia | LV | lv | | |

| Short name (source language) | Short name (English) | CountryCode | LanguageCode | Notes | Transliteration in Latin script |
|---|---|---|---|---|---|
| Lietuva | Lithuania | LT | lt | | |
| Luxembourg | Luxembourg | LU | fr, de, lb | | |
| Magyarország | Hungary | HU | hu | | |
| Malta | Malta | MT | mt, en | | |
| Nederland | Netherlands | NL | nl | | |
| Österreich | Austria | AT | de | | |
| Polska | Poland | PL | pl | | |
| Portugal | Portugal | PT | pt | | |
| România | Romania | RO | ro | | |
| Slovenija | Slovenia | SI | sl | | |
| Slovensko | Slovakia | SK | sk | | |
| Suomi/Finland | Finland | FI | fi, sv | | |
| Sverige | Sweden | SE | sv | | |
| United Kingdom | United Kingdom | UK | en | Country code recommended by EU | |
| Ísland | Iceland | IS | is | | |
| Liechtenstein | Liechtenstein | LI | de | | |
| Norge/Noreg | Norway | NO | no, nb, nn | | |

(*) Transliterazzjoni bil-Latin: България = Bulgaria; Ελλάδα = Elláda; Κύπρος = Kýpros."

(3) Il-Kapitolu III jitħassar.

(4) Fil-Kapitolu IV, jiżdied l-inċiż li ġej wara s-sentenza introduttorja Il-kontenut tal-forma HR imsejsa fuq PDF/A tal-implimentazzjoni TSL tal-Lista ta' Fiduċja GĦANDU jkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

"— It-titolu tal-Listi ta' Fiduċja leġibbli mill-bniedem għandu jkun mibni fuq il-konkatenazzjoni tal-elementi li ġejjin

— Stampa fakultattiva tal-bandiera nazzjonali tal-Istat Membru;

— Spazju vojt;

— Isem fil-Qasir tal-Pajjiż fil-lingwa/i sors (kif stipulat fl-ewwel kolonna tat-Tabella fil-Kapitolu II);

— Spazju vojt;

— '(';

— Isem fil-Qasir tal-Pajjiż bl-Ingliż (kif stipulat fit-tieni kolonna tat-Tabella fil-Kapitolu II) fil-parentesi;

— '):' bħala parentesi tal-għeluq u separatur;

— Spazju vojt;

— 'Lista ta' Fiduċja';

— Stampa fakultattiva tal-Operatur tal-Iskema tal-Istat Membru."

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-28 ta' Lulju 2010

## li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom il-qamħirrum modifikat ġenetikament Bt11xGA21 (SYN-BTØ11-1xMON-ØØØ21-9), jew li jikkonsistu minnu jew huma prodotti minnu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 5135)*

**(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/426/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 7(3) u 19(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Ottubru 2007, Syngenta Seeds S.A.S., f'isem Syngenta Crop Protection AG, ressqet applikazzjoni lill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit, skont l-Artikoli 5 u 17 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, għat-tqegħid fis-suq ta' ikel, ingredjenti tal-ikel, u għalf li fihom il-qamħirrum Bt11xGA21, jew li jikkonsistu minn, jew prodotti minnu ("l-applikazzjoni").

(2) L-applikazzjoni tkopri wkoll it-tqegħid fis-suq ta' prodotti oħra għajr l-ikel u l-għalf li fihom il-qamħirrum Bt11xGA21 jew li jikkonsistu minnu għall-istess użi bħal kwalunkwe qamħirrum ieħor bl-eċċezzjoni tal-kultivazzjoni. Għalhekk, skont l-Artikoli 5(5) u 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, din tinkludi d-dejta u t-tagħrif meħtieġa mill-Annessi III u IV tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE ([2]) u tagħrif u konklużjonijiet dwar il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont il-prinċipji stipulati fl-Anness II tad-Direttiva 2001/18/KE. Din tinkludi wkoll pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali konformi mal-Anness VII tad-Direttiva 2001/18/KE.

(3) Fit-22 ta' Settembru 2009, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("EFSA") tat opinjoni favorevoli skont l-Artikoli 6 u 18 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003. Din qieset li, fir-rigward tal-effetti potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew l-ambjent, il-qamħirrum Bt11xGA21 huwa sikur daqs il-kontroparti tiegħu mhux modifikata ġenetikament. Għaldaqstant, ikkonkludiet li mhux probabbli li t-tqegħid fis-suq tal-prodotti li jkun fihom il-qamħirrum Bt11xGA21, li jikkonsistu minnu jew li jiġu prodotti minnu, kif deskritti fl-applikazzjoni ("il-prodotti"), ikollu xi effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew l-ambjent fil-kuntest tal-użu maħsub tagħhom ([3]). Fl-opinjoni tagħha, l-EFSA qieset il-mistoqsijiet speċifiċi kollha u t-tħassib li tqajjem mill-Istati Membri fil-kuntest tal-konsultazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kif stipulat fl-Artikoli 6(4) u 18(4) ta' dak ir-Regolament.

(4) Fl-opinjoni tagħha, l-EFSA kkonkludiet ukoll li l-pjan ta' monitoraġġ ambjentali, li jikkonsisti fi pjan ta' sorveljanza ġenerali, imressaq mill-applikant huwa konformi mal-użu maħsub tal-prodotti.

(5) Wara li tqiesu dawk il-kunsiderazzjonijiet, għandha tingħata l-awtorizzazzjoni lill-prodotti.

(6) Għandu jiġi assenjat identifikatur uniku għal kull OMĠ kif stipulat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 65/2004 tal-14 ta' Jannar 2004 li jistabbilixxi sistema għall-iżvilupp u l-assenjazzjoni ta' identifikaturi uniċi għal organiżmi modifikati ġenetikament ([4]).

(7) Fuq il-bażi tal-opinjoni mogħtija mill-EFSA, l-ebda rekwiżiti tal-ittikkettjar speċifiċi għajr dawk stipulati fl-Artikoli 13(1) u 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 ma jidhru meħtieġa għal ikel, ingredjenti tal-ikel u għalf li fihom il-qamħirrum Bt11xGA21, li jikkonsistu minnu, jew li huma prodotti minnu. Madankollu, sabiex jiġi żgurat l-użu tal-prodotti fi ħdan il-limiti tal-awtorizzazzjoni stipulata minn din id-Deċiżjoni, l-ittikkettjar tal-għalf li fih jew li jikkonsisti minn OMĠ u prodotti oħrajn għajr l-ikel jew l-għalf li jkun fihom jew li jikkonsistu minn OMĠ li ntalbet l-awtorizzazzjoni għalihom, għandhom jindikaw b'mod ċar li l-prodotti kkonċernati m'għandhomx jintużaw għall-kultivazzjoni.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

([2]) ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1.

([3]) http://registerofquestions.efsa.europa.eu/roqFrontend/questionLoader?question = EFSA-Q-2006-020

([4]) ĠU L 10, 16.1.2004, p. 5.

(8) Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jibgħat rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-attivitajiet stipulati fil-pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali. Dawk ir-riżultati għandhom jiġu ppreżentati skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/770/KE tat-13 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi formati standard tar-rappurtar għall-preżentazzjoni tar-riżultati tal-monitoraġġ tar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament, bħala jew fi prodotti, bl-għan tat-tqegħid fis-suq, skont id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1].

(9) L-opinjoni tal-EFSA ma tiġġustifikax l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet speċifiċi għat-tqegħid fis-suq u/jew kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet speċifiċi għall-użu u l-ġarr, inklużi r-rekwiżiti ta' monitoraġġ wara t-tqegħid fis-suq għall-użu tal-ikel jew l-għalf, jew kundizzjonijiet speċifiċi għall-ħarsien ta' ekosistemi/ambjent u/jew żoni ġeografiċi partikolari, kif stipulat fil-punt (e) tal-Artikoli 6(5) u 18(5) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

(10) L-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-awtorizzazzjoni tal-prodotti għandha tiddaħħal fir-reġistru Komunitarju tal-ikel u l-għalf modifikat ġenetikament, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

(11) L-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċabilità u l-ittikkettjar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċabilità ta' prodotti tal-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament u li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE [2], jistipula l-ħtiġijiet tal-ittikkettjar għal prodotti li jikkonsistu minn, jew li fihom l-OMĠ.

(12) Din id-Deċiżjoni għandha tiġi mgħarrfa permezz tal-Clearing House dwar il-Bijosigurtà għall-Partijiet fil-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà mal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, skont l-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 15(2)(c), tar-Regolament (KE) Nru 1946/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-movimenti transkonfinali ta' organiżmi modifikati ġenetikament [3].

(13) L-applikant ġie kkonsultat dwar il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni.

(14) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu.

(15) Fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill ma setax jilħaq deċiżjoni b'maġġoranza kwalifikata kemm favur kif ukoll kontra l-proposta. Il-Kunsill indika li l-proċedimenti dwar dan il-fajl kienu konklużi. Għaldaqstant, hija l-Kummissjoni li trid tadotta l-miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**L-organiżmu modifikat ġenetikament u l-identifikatur uniku**

Il-qamħirrum modifikat ġenetikament (*Zea mays* L.) Bt11xGA21, kif inhu speċifikat fil-punt (b) tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni, hu assenjat l-identifikatur uniku SYN-BTØ11-1xMON-ØØØ21-9, kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 65/2004.

*Artikolu 2*

**L-Awtorizzazzjoni**

Il-prodotti li ġejjin huma awtorizzati għall-finijiet tal-Artikoli 4(2) u 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni:

(a) ikel u ingredjenti tal-ikel li li jkun fihom il-qamħirrum SYN-BTØ11-1xMON-ØØØ21-9, jew li jikkonsistu minnu jew li huma prodotti minnu;

(b) għalf li jkun fih il-qamħirrum SYN-BTØ11-1xMON-ØØØ21-9, jew li jkun jikkonsisti minnu jew li hu prodott minnu;

(c) prodotti oħra għajr l-ikel u l-għalf li fihom il-qamħirrum SYN-BTØ11-1xMON-ØØØ21-9, jew li jikkonsistu minnu, għall-istess użi bħal kwalunkwe qamħirrum ieħor bl-eċċezzjoni tal-kultivazzjoni.

*Artikolu 3*

**L-Ittikkettjar**

1. Għall-finijiet tar-rekwiżiti tal-ittikkettjar stipulati fl-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u fl-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003, l-"isem tal-organiżmu" għandu jkun "qamħirrum".

2. Il-kelmiet "mhux għall-kultivazzjoni" għandhom jidhru fuq it-tikketta tal-prodotti li fihom il-qamħirrum SYN-BTØ11-1xMON-ØØØ21-9 li jissemma fl-Artikolu 2(b) u (c) jew li jikkonsistu minnu, kif ukoll fid-dokumenti li jakkumpanjaw dawn il-prodotti.

*Artikolu 4*

**Il-monitoraġġ tal-effetti ambjentali**

1. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jiżgura li l-pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali, kif speċifikat fil-punt (h) tal-Anness, jiddaħħal fis-seħħ u jiġi implimentat.

(1) ĠU L 275, 21.10.2009, p. 9.
(2) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24.
(3) ĠU L 287, 5.11.2003, p. 1.

2. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jibgħat lill-Kummissjoni rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-attivitajiet stipulati fil-pjan ta' monitoraġġ skont id-Deċiżjoni 2009/770/KE.

*Artikolu 5*

**Ir-reġistru Komunitarju**

L-informazzjoni stipulata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandha tiddaħħal fir-reġistru Komunitarju tal-ikel u l-għalf modifikati ġenetikament, kif stipulat fl-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

*Artikolu 6*

**Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni se jkun Syngenta Seeds S.A.S., Franza, li jirrappreżenta lil Syngenta Crop Protection AG, l-Isvizzera.

*Artikolu 7*

**Il-validità**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal perjodu ta' 10 snin mid-data tan-notifika tagħha.

*Artikolu 8*

**Id-destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lil Syngenta Seeds S.A.S., Chemin de l'Hobit 12, BP 27 – F-31790 Saint-Sauveur - Franza.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

John DALLI

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

(a) **L-Applikant u d-Detentur tal-awtorizzazzjoni:**

Isem: Syngenta Seeds SAS

Indirizz: Chemin de l'Hobit 12, BP 27 – F-31790 Saint-Sauveur – Franza

F'isem Syngenta Crop Protection AG - Schwarzwaldallee 215 - CH 4058 Basle – l-Isvizzera

(b) **L-isem u l-ispeċifikazzjoni tal-prodotti:**

1 ikel u ingredjenti tal-ikel li li jkun fihom il-qamħirrum SYN-BTØ11-1xMON-ØØØ21-9, jew li jikkonsistu minnu jew li huma prodotti minnu;

2 għalf li jkun fih il-qamħirrum SYN-BTØ11-1xMON-ØØØ21-9, jew li jkun jikkonsisti minnu jew li hu prodott minnu;

3 prodotti oħra għajr l-ikel u l-għalf li fihom il-qamħirrum SYN-BTØ11-1xMON-ØØØ21-9, jew li jikkonsistu minnu, għall-istess użi bħal kwalunkwe qamħirrum ieħor bl-eċċezzjoni tal-kultivazzjoni.

Il-qamħirrum modifikat ġenetikament SYN-BTØ11-1xMON-ØØØ21-9, kif deskritt fl-applikazzjoni, hu prodott minn taħlit bejn il-qamħirrum li fih avvenimenti ta' SYN-BTØ11-1 u MON-ØØØ21-9 u jesprimi l-proteina Cry1Ab li tilqa' kontra ċerti organiżmi ta' ħsara lepidotterani, il-proteina mEPSPS li twassal għat-tolleranza tal-erbiċidi tal-glyphosate u l-proteina PAT li twassal għat-tolleranza tal-erbiċidi tal-ammonju tal-glufosinat.

(c) **L-ittikkettjar:**

1 Għall-finijiet tar-rekwiżiti speċifiċi tal-ittikkettjar stipulati fl-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u fl-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003, l-"isem tal-organiżmu" għandu jkun "qamħirrum";

2 Il-kelmiet "mhux għall-kultivazzjoni" għandhom jidhru fuq it-tikketta tal-prodotti li fihom il-qamħirrum SYN-BTØ11-1xMON-ØØØ21-9 li jissemma fl-Artikolu 2(b) u (c) ta' din id-Deċiżjoni, jew li jikkonsistu minnu, kif ukoll fid-dokumenti li jakkumpanjaw dawn il-prodotti.

(d) **Metodu għall-iżvelar:**

— Metodi bbażati fuq il-PCR kwantitattiva fil-ħin reali għal avveniment speċifiku għall-qamħirrum ġenetikament modifikat SYN-BTØ11-1 u MON-ØØØ21-9 ivvalidat fuq il-qamħirrum SYN-BTØ11-1xMON-ØØØ21-9;

— Ivvalidat fuq żrieragħ mil-Laboratorju Komunitarju ta' Referenza stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003, ippubblikat fuq http://gmo-crl.jrc.ec.europa.eu/statusofdoss.htm

— Il-Materjal ta' Referenza: ERM®-BF412 (għas-SYN-BTØ11-1) aċċessibbli miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni Ewropea, L-Istitut għal Materjal u Kejl ta' Referenza (IRMM) f'https://irmm.jrc.ec.europa.eu/rmcatalogue u l-AOCS 0407 (for MON-ØØØ21-9) aċċessibbli mill-American Oil Chemists Society f'http://www.aocs.org/tech/crm

(e) **L-identifikatur uniku:**

SYN-BTØ11-1xMON-ØØØ21-9

(f) **L-informazzjoni meħtieġa skont l-Anness II tal-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika:**

Clearing House tal-Bijosigurtà, in-numru tar-reġistru: ara [*to be completed when notified*].

(g) **Kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet rigward it-tqegħid fis-suq, l-użu jew il-maniġġ tal-prodotti:**

Mhux meħtieġa.

(h) **Il-pjan ta' monitoraġġ**

Il-pjan ta' superviżjoni għall-effetti ambjentali li jikkonforma mal-Anness VII tad-Direttiva 2001/18/KE.

[Link: *pjan ippubblikat fuq l-Internet*]

(i) **Ir-rekwiżiti tal-monitoraġġ wara t-tqegħid fis-suq għall-użu tal-ikel għall-konsum tal-bniedem**

Mhux meħtieġa.

Nota: il-links għal dokumenti rilevanti jista' jkollhom bżonn jiġu emendati minn żmien għall-ieħor. Dawk il-modifiki jkunu disponibbli għall-pubbliku permezz tal-aġġornament tar-reġistru Komunitarju tal-ikel u l-għalf modifikati ġenetikament.

## RETTIFIKA

### Rettifika għad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 133, tat-22 ta' Mejju 2008)*

F'paġna 82, fl-Artikolu 26:

*minflok:* "Fejn Stat Membru juża kwalunkwe mill-għażliet regolatorji msemmijin fl-Artikolu 2(5), 2(6), l-Artikolu 4(1), punt (c) ta' l-Artikolu 4(2), l-Artikoli 6(2), 10(1), punt (g) ta' l-Artikolu 10(2),l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 16 (4), huwa għandu …";

*aqra:* "Fejn Stat Membru juża kwalunkwe mill-għażliet regolatorji msemmijin fl-Artikolu 2(5), 2(6), l-Artikolu 4(1), il-punt (c) tal-Artikolu 4(2), l-Artikoli 6(2), 10(1), il-punt (f) tal-Artikolu 10(5),l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 16 (4), huwa għandu …".

F'paġna 82, fl-Artikolu 27(2), it-tieni sentenza:

*minflok:* "Il-Kummissjoni għandha tissorvelja wkoll l-effet ta' l-eżistenza ta' l-għażliet regolatorji semmijin fl-Artikolu 2 (5) u (6), l-Artikolu 4(1), punt (c) ta' l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 6(2), l-Artikolu 10(1), punt (g) ta' l-Artikolu 10(2), l-Artikolu 14(2) u Artikolu 16(4), dwar is-suq intern u l-konsumaturi.";

*aqra:* "Il-Kummissjoni għandha tissorvelja wkoll l-effett tal-eżistenza tal-għażliet regolatorji msemmijin fl-Artikolu 2(5) u (6), l-Artikolu 4(1), il-punt (c) tal-Artikolu 4(2), l-Artikolu 6(2), il-punt (f) tal-Artikolu 10(5), l-Artikolu 14(2) u Artikolu 16(4) dwar is-suq intern u l-konsumaturi.".

F'paġna 87, fl-Anness II, l-Intestatura 3:

*minflok:* "3. **Spejjeż tal-kreditu**

| | |
|---|---|
| Ir-rata ta' self jew jekk applikabbli rati ta' self differenti li japplikaw għall-ftehim ta' kreditu | [%<br>— fissa jew<br>— varjabbli (bl-indiċi jew ir-rata ta' referenza applikabbli għar-rata ta' self inizjali)<br>— perijodi] |
| Rata ta' imposta perċentwali fis-sena (APR)<br>*Din hija l-ispiża totali espressa bħala perċentwali annwali ta' lammont totali tal-kreditu.*<br>*L-APR qiegħda hemmhekk biex tgħinek tqabbel offerti differenti.* | [% Eżempju rappreżentattiv li jsemmi l-assunzjonijiet kollha użati għall-kalkolu tar-rata li għandha tiġi indikata hawn] |
| Huwa obbligatorju biex jinkiseb il-kreditu jew biex jinkiseb il-kreditu fuq it-termini jew il-kondizzjonijiet ikkumerċjalizzati, li tieħu<br>— kuntratt ta' assigurazzjoni li tassigura l-kreditu jew<br>— kuntratt ta' servizz anċillari ieħor?<br>*Jekk l-ispiża ta' dawn is-servizzi m'hijiex magħrufa mill-kreditur huma m'humiex inklużi fl-APR.* | Iva/le; jekk iva, indika t-tip ta' assigurazzjoni<br>Iva/le; jekk iva, indika t-tip ta' servizz anċillari: |
| Spejjeż relatati | |
| Jekk applikabbli<br>Iż-żamma ta' kont wieħed jew ta' diversi kontijiet hija meħtieġa biex jiġu reġistrati kemm transazzjonijiet ta' ħlas kif ukoll ta' ġbid | |
| Jekk applikabbli<br>Ammont ta' spejjeż għall-użu ta' mezz ta' ħlas speċifiku (per eżempju, karta ta' kreditu) | |

| | |
|---|---|
| Jekk applikabbli<br>Kwalunkwe imposta oħra li tirriżulta mill-ftehim ta' kreditu | |
| Jekk applikabbli<br>Kondizzjonijiet taħt liema jistgħu jinbidlu l-ispejjeż imsemmija hawn fuq relatati mal-ftehim ta' kreditu | |
| Jekk applikabbli<br>Obbligu tal-ħlas ta' onorarji notarili | |
| Spejjeż fil-każ ta' ħlas tard<br>*Ħlasijiet nieqsa jista' jkollhom konsegwenzi gravi għalik (per eżempju, bejgħ sfurzat) u jagħmlu l-kisba ta' kreditu aktardiffiċli.* | Inti ser tkun impost [… (rati ta' interessi u arranġamenti għall-aġġustar tar-rrata applikabbli u, fejn applikabbli, imposti minħabba nuqqas ta' ħlas)] għal ħlasijiet nieqsa."; |

*aqra:* "3. **Spejjeż tal-kreditu**

| | |
|---|---|
| Ir-rata ta' self jew, jekk applikabbli, rati ta' self differenti li japplikaw għall-ftehim ta' kreditu | [%<br>— fissa jew<br>— varjabbli (bl-indiċi jew ir-rata ta' referenza applikabbli għar-rata ta' self inizjali)<br>— perijodi] |
| Rata ta' imposta perċentwali fis-sena (APR)<br>*Din hija l-ispiża totali espressa bħala perċentwali annwali tal-ammont totali tal-kreditu.*<br>*L-APR qiegħda hemmhekk biex tgħinek tqabbel offerti differenti.* | [% Eżempju rappreżentattiv li jsemmi l-assunzjonijiet kollha użati għall-kalkolu tar-rata li għandha tiġi indikata hawn] |
| Huwa obbligatorju biex jinkiseb il-kreditu jew biex jinkiseb il-kreditu fuq it-termini jew il-kondizzjonijiet ikkumerċjalizzati, li tieħu<br>— kuntratt ta' assigurazzjoni li tassigura l-kreditu jew<br>— kuntratt ta' servizz anċillari ieħor?<br>*Jekk l-ispiża ta' dawn is-servizzi m'hijiex magħrufa mill-kreditur huma m'humiex inklużi fl-APR.* | Iva/le; jekk iva, indika t-tip ta' assigurazzjoni<br>Iva/le; jekk iva, indika t-tip ta' servizz anċillari: |
| Spejjeż relatati | |
| Jekk applikabbli<br>Iż-żamma ta' kont wieħed jew ta' diversi kontijiet hija meħtieġa biex jiġu reġistrati kemm transazzjonijiet ta' ħlas kif ukoll ta' ġbid | |
| Jekk applikabbli<br>Ammont ta' spejjeż għall-użu ta' mezz ta' ħlas speċifiku (per eżempju, karta ta' kreditu) | |
| Jekk applikabbli<br>Kwalunkwe imposta oħra li tirriżulta mill-ftehim ta' kreditu | |

| | |
|---|---|
| Jekk applikabbli<br><br>Kondizzjonijiet taħt liema jistgħu jinbidlu l-ispejjeż imsemmija hawn fuq relatati mal-ftehim ta' kreditu | |
| Jekk applikabbli<br><br>Obbligu tal-ħlas ta' onorarji notarili | |
| Spejjeż fil-każ ta' ħlas tard<br><br>*Ħlasijiet nieqsa jista' jkollhom konsegwenzi gravi għalik (per eżempju, bejgħ sfurzat) u jagħmlu l-kisba ta' kreditu aktar diffiċli.* | Inti ser tkun impost [… (rati ta' interessi u arranġamenti għall-aġġustar tar-rata applikabbli u, fejn applikabbli, imposti minħabba nuqqas ta' ħlas)] għal ħlasijiet tard.". |

F'paġna 91, fl-Anness III, fl-Intestatura 3, il-kolonna tal-lemin, l-aħħar entrata:

*minflok:* "Inti ser tkun impost [… (rati ta' interessi u arranġamenti għall-aġġustament tar-rata u, fejn applikabbli, imposti minħabba nuqqas ta' ħlas)] għal ħlasijiet nieqsa.";

*aqra:* "Inti ser tkun impost [… (rati ta' interessi u arranġamenti għall-aġġustament tar-rata u, fejn applikabbli, imposti minħabba nuqqas ta' ħlas)] għal ħlasijiet tard.".

**Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/371/UE tas-6 ta' Ġunju 2010 dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Madagaskar taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 169, tat-3 ta' Lulju 2010)*

Fit-titolu tad-Deċiżjoni kemm fil-paġna tal-qoxra u kemm f'paġna 13, u wkoll fil-formula tal-għeluq f'paġna 14:

*għal:* "6 ta' Ġunju 2010"

*aqra:* "7 ta' Ġunju 2010".

F'paġna 15, fl-Anness, fit-titolu tal-Anness

Ħassar "Abbozz ta' ittra".

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT